**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 933/2018**

**David Attard (KI 189852M)u Joan Attard (KI 447652M)**

**vs**

**Joseph Bonello (KI 94155M)**

**Illum, 6 ta' Awwissu, 2018**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' David Attard *et* prezentat fit-8 ta' Gunju 2018 fejn talab inibizzjoni ghal ragunijiet hemm premessi;

*"Illi l-esponenti ghandhom interess li jitharsu l-jeddijiet taghhom bhala sidien u proprjetarji ta' groundfloor maisonette u l-gnien tieghu, bla Numru, bl-isem 'Mistral', Triq il-Barbaggjan, Kappara, San Gwann kif mixtri tramite att pubbliku iffirmat quddiem in-Nutar Dr Alexander Joseph Sceberras Trigona fil-Hmistax ta' Jannar, tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (15/1/1997) (***Dok A***);***

*Illi l-imsemmija proprjeta hija sottostanti l-beni tal-intimat li tramite applikazzjoni, PA/06865/17 (***Dok. B)*** qieghed jiehu passi biex jaghmel alterazzjonijiet interni u di pju jizviluppa zewg sulari ulterjuri u jestendi u ikabbar it-tieni sular gja mibni fil-bini Florians, 59, Triq il-Barbagann, San Gwann (Pjanti annessi bhala* ***Dok C1-C5);***

*Illi b' tali tibdil u zvilupp l-intimat ser jaggrava u jikkreja servitujiet u/jew pizijiet ulterjuri fuq il-fond tar-rikorrenti;*

*Illi l-intimat ma ghandu ebda dritt jaghmel dan, kif huwa car ukoll mill-kuntratt ta' xiri datat 9/8/1988 (***Dok D)*** u li fi kwalunkwe kaz huwa l-istess intimat li jrid jipprova mqar sal-livell prima facie li tali servitu jew piz huwa ezistenti u/jew li huwa ghandu dritt jikkreja u/jew jaggrava servitujiet jew pizijiet ezistenti;*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtelaw d-drittijiet taghhom, jixtiequ izommu lill-intimat milli jibni u jizviluppa twieqi, galleriji jew aperture godda ohrajn fuq l-arja u proprjeta' tar-rikorrenti, jew jaggrava dawk ezistenti fil-lok tal-proprjeta' Florians, 59, Triq il-Barbagann, San Gwann, Malta jew li jibni skont il-pjanti approvati fl-applikazzjoni Numru PA/06865/17 stante li tali pjanti jinkorporaw tali servitujiet u/jew pizijiet. In oltre, fl-istess lok, r-rikorrenti jixtiequ jzommu l-intimat milli jaggrava is-sistema ta' dranagg billi jestendi l-katusi ezistenti u uzati mir-rikorrenti;*

*Illi l-esponenti se jigu ppregudikati jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija."*

Rat id-dokumenti mieghu annessi;

Rat ir-risposta ta' Joseph Bonello tad-19 ta' Gunju 2018;

*"1. Illi l-esponenti ġie notifikat bir-rikors fl-ismijiet hawn fuq imsemmija u l-istess esponenti ġie mgħoti ghaxart ijiem biex jirrispondi;*

*2. Illi ghaldaqstant l-intimat Joseph Bonello jixtieq jissenjala s-segwenti:*

*2.1 Illi min-naha tieghu, l-intimat Joseph Bonello ottjena permess ta' zvilupp komplet skont il-ligi, liema permess igib referenza* ***PA6865/17*** *'Internal alterations to existing maisonette, extension at roof level to create 3 residential units', liema xogholijiet se jsiru fil-fond tieghu fl-indirizz Florians, 59, Triq Il-Barbagann, San Gwann, Malta;*

*2.2 Illi m'huwiex ikkontestat, kif jixhed Dok. D mar-rikors promotur, li l-intimat akkwista il-maisonette mertu ta' l-applikazzjoni msemmija 'bl-arja libera taghha' u 'bil-komunjoni mal-beni sottostanti tas-sistema tad-drenagg u d-drains' permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia datat 9 ta' Awwissu 1988 minghand, dak iz-zmien, id-Dipartiment tad-Djar;*

*2.3 Illi f'dan il-kaz il-lamentali jirrigwardjaw principalment l-allegat holqien ta' twieqi li jharsu fuq ir-rikorrenti kif ukoll l-'aggarvar' tas-sistema tad-drenagg;*

*2.4 Illi tajjeb jew hazin, mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu jew bil-kontra;*

*2.5 Illi dak li trid tistabilixxi l-Qorti f'dan l-istadju hu jekk tali lamentali humiex ta' natura irrimedjabbli – ghandhom jew m'ghandhomx ragun ir-rikorrenti;*

*2.6 Illi bil-kliem 'irrimedjabbli' nifmhu li l-ksur prima facie jehtieg ikun wieħed fis-sens li l-element ta' 'irrimedjabilita' irid jigi mhux biss ippruvat mir-rikorrent izda jrid ukoll jintwera mir-rikorrent li l-hsara li minnha r-rikorrent ikun qed jilmenta, tkun wahda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. Mhux bizzejjed per ezempju li l- preġudizzju ikun jikkonsisti minn telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus (Ara* **Avv. Joseph M. Sammut (K.I. 430083M) et. vs Dix Theodore Arthur (K.I. 473800L) et.** *(Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1475/17LM));*

*2.7 Illi minn dan isewgi li b'kuntrast ghal sitwazzjoni, per ezempju, li tinvolvi t-tqattiegh tal-blat oltre d-distanza preskritta mil-ligi, fejn il-konsegwenzi jistghu isarrfu fuq hajjet in-nies, l-allegat holqien ta' twieqi u l-'aggarvar' tas-sistema tad-drenagg ma jammontawx ghal kwestjonijiet irrimedjabbli u dan ghaliex tali nuqqasijiet (jekk jezistu) jistghu jitneħħew, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu;*

*2.8 Illi detto cio', l-intimat fl-ebda hin mhu qed jghid li r-rikorrenti, b'dak li qed jghidu, ghandhom ragun minn punto di vista ta' dritt. Dan ghaliex kwestjonijiet ta' servitu ma jistghux jigu determinati mad-daqqa t'ghajn;*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad definittivament il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni surriferit.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

Rat ukoll in-nota ta' Joseph Bonello;

Ikkunsidrat li ai termini tal-Art 873*et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa pacifiku li ghal talba ta dan it-tip iridu jirrizultaw *sine qua non* tlett elementi; il-

jedd, li *prima facie* jezisti dak il-jedd u ukoll li l-mandat mitlub huwa mehtieg ghax minghajru r-rikorrenti jsofri dannu rrimedjabbli rigwardanti dak il-jedd.

Kif jidher mill-qari tar-risposta u tan-nota imsemmija l-intimat ghalkemm mhux ghal kollox accettanti jaghti lok u possibilta tal-ezistenza tal-jedd f'certu kazijiet a bazi ta *prima facie*. Tant li fl-istess nota biex zgur ma jigi kalpestat ebda jedd pretiz jindika certi emendi li saru fil-pjanti biex ebda servitu jekk ezistenti ma tigi kalpestata jew mahluqa. Pero ghandu ragun l-intimat meta jattakka l-element ta' irrimedjabilita ghax fil-maggor parti is-servitujiet ikkontewstati mir-rikorrenti huma kollha rimedjabbli jekk fil-fatt isiru.

Tfakkar ukoll il-Qorti illi l-ezami li trid tagħmel f'dawn it-tip ta' proċeduri huwa limitat għal grad ta' *prima facie* u xejn aktar jew ulterjuri.

**Konsegwentament darba li hu meqjus li hawn nieqes l-element ta' pregudizzju rrevokabbli stipulat bil-ligi, tiċħad it-talba bl-ispejjes ghar-rikorrenti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**